MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 983/1987/1

John u Mary Margaret mizzewgin Cachia, u l-istess John Cachia bhala legittimu rappresentant ta' ibnu Ronald Cachia
vs
1. Tabib Dottor Tancred Busuttil
2. Margaret Micallef-Hawkes, bhala kuratrici deputata biex tirrapprezenta lill-assenti Dottoressa Lucia Micallef Hawkes, nominata b'digriet tal-4 ta' Dicembru, 1987 u b'nota tal-5 ta' Marzu 1991 l-avukat Dr. Tonio Borg assuma l-atti tal-kawza flok Dottoressa Lucia Micallef Hawkes li tinsab imsiefra u b'nota tas-27 ta' Novembru, 2012 Dr. Lucia Micallef Hawkes assumiet l-atti tal-kawza

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni ta' l-atturi li biha ippremettew:

Illi l-imsemmi minorenni Ronald Cachia twieled fis-16 ta’ Dicembru, 1985 u, *stante* l-fatt li ma saritlux operazzjoni cesarja f’waqtha, it-tarbija sofriet lezjonijiet u huwa “*handicapped*”;

Illi dana gara minhabba imperizja u/jew negligenza da parti tal-konvenuti fl-ezercizzju tal-professjoni taghhom;

Illi bhala konsegwenza l-atturi konjugi Cachia kif ukoll u principalment l-imsemmi minuri Ronald Cachia, sofrew danni konsiderevoli.

L-atturi talbu lill-Qorti:

1. Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghal-lezjonijiet li sofra l-minuri;

2. per konsegwenza, tiddikjarahom responsabbli ghad-danni li sofrew l-atturi;

3. tillikwida l-istess danni;

4. tinnomina perit legali ghall-iskop tal-likwidazzjoni;

5. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi d-danni hekk likwidati;

6. tordna li din il-kundanna tkun solidali bejn il-konvenuti fil-konfront ta’ l-atturi.

Bl-interessi u bl-ispejjes, komprizi dawk tal-protest tas-16 ta’ Lulju, 1987 kontra Dr. Busuttil u dak tas-16 ta’ Settembru, 1987 kontra d-Dottoressa Micallef Hawkes.

Il-konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti prezentati mill-atturi.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Tabib Dr. Busuttil li biha eccepixxa:

1. Illi ebda kolpa ma hija imputabbli lilu;

2. Illi t-talba ghall-kundanna solidali hija inattendibbli.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista ta' xhieda prezentati mill-konvenut.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tad-Dottoressa Lucia Micallef Hawkes li biha eccepiet:

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-eccipjenti bl-ebda mod ma kienet responsabbli ghal-lezjonijiet illi sofra il-minorenni Ronald Cachia;

Illi anzi hija ghamlet dak kollu umanement possibbli sabiex it-tarbija titwieled normalment u qieghda tirrizerva kwalunkwe azzjoni ta' danni kontra l-atturi u l-konvenut Tabib Tancred Busuttil minhabba l-inizjament ta' dawn il-proceduri;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista ta' xhieda prezentati mill-konvenuta.

Rat l-atti kollha tal-kawza

Semghet lix-xhieda bil-gurament

Semghet l-abili difensuri

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-digriet tas-7 ta' Gunju, 1988 li permezz tieghu Dr. Joseph Ciappara gie nominat bhala Perit Legali u Dr. Edgar Agius gie nominat bhala espert mediku.

Rat li fit-22 ta' Ottubru, 1999 il-Qorti issostitwiet lil Dr. Joseph Ciappara b'Dr. Paul Gauci Maistre.

Rat ir-apport ta' Dr. Edgar A. Agius M.D. fejn fih ikkonkluda:
"Mill-konsiderazzjoni tax-xhieda u l-kummenti li jiena diga esponejt fuq l-ghagir tal-hlas ta' l-attrici, Margaret Cachia, fuq kull fazi tal-*labour* u tad-*delivery* kif gie preskritt mill-konvenut Dr. Tancred Busuttil u attwatt mill-konvenuta Dr. Lucia Micallef Hawkes, jiena nissottometti dan li gej:

**K1**. It-trattament preskritt mill-konvenut matul il-hlas kollu kien korrett u konsistenti ma' taghlim awtorevoli tal-professjoni ta' l-Ostetricja.

**K2**. Id-decizjoni tal-Konvenut rigward l-awment tal-hlas tlett ijiem qabel ma l-Attrici ghalqet iz-zmien tat-tqala taghha hija gustifikata.

**K3**. Wara li giet eskluza l-presenza ta' sproporzjon bejn ir-ras tat-tarbija u l-wisa' tal-*pelvis* ta' l-attrici bl-ezami kliniku maghmul mill-konvenut, il-qsim tal-membrani u l-konferma tal-prezentazzjoni tar-ras u l-id, it-trattament konservattiv preskritt mill-konvenut taht osservazzjoni kontinwa ta' progress fil-hlas u *monitoring* tal-*baby*, huwa korrett u konsistenti mat-tghalim awtorevoli tal-professjoni ta' l-Ostetricja.

**K4**. <u>Il-Piz Tal-*Baby*</u>.
Il-piz tal-*baby* rrizulta li kien jizen erba' kili. Akbar milli kien jizen l-ewwel tarbija, u dan seta' jikkontribwixxi lejn in-nuqqas li titla' l-id 'il fuq mar-ras.

Il-kalkolazzjoni tal-piz tal-*baby in utero* kienet kompletament soggettiva u ghalhekk ir-rizultat ta' dan spiss ma jkunx korrett. Ghalkemm mara twelled *baby* mdaqqas ma jfissirx li ta' bil-fors twelled tarbija akbar darb'ohra normali, specjalment meta jkun hemm ukoll

prezentazzjoni li ma tkunx normali. Imma din ma tkunx ta' bil-fors indikazzjoni ghal cesarja la darba giet eskluza il-prezenza ta' *disproportion*.

**K5**. Jezisti dubju fuq l-allegazzjoni tal-konvenuta li hi qatt ma qablet mat-trattament preskritt mill-konvenut u li hi obdietu sforz kemm sfurzaha u ghax irrifjuta li jigi biex jassistiha meta hi talbitu biex jigi. Kemm il-konvenut kif ukoll Dr. Portelli cahdu dan. B'dan kollu il-konvenuta attwat dak kollu li hi allegat li hi ma qablitx mieghu meta kienet ta' bil-fors konxja li dan kien imur kontra t-taghlim fondamentali ta' l-ostetricja.

**K6**. L-attentat tal-hlas bl-istrumenti waqt li korrettament indikat, ma sarx, mill-konvenuta, kif suppost kellu jigi attwat imma dan bl-ebda mod ma kien il-kawza tad-danni li sofra l-*baby* u lanqas ma kien il-kawza tal-migja tal-*abruptio placentae*.

**K7**. Il-kawza ta' l-*abruptio* tal-*placenta* ghadha sa issa mhux maghrufa u din giet f'daqqa minghajr l-ebda sinjal li bih seghtet tigi anticipata. Meta din tigi, tkun tirrikiedi intervent decisiv u ta' malajr ghax id-dewmien ikun ta' dannu kemm ghall-omm kif ukoll ghat-tarbija.

L-operazzjoni tac-Cesarja f'dan il-kaz saret minghajr telf ta' zmien u *nonostante* dan it-tarbija twieldet b'*asphyxia severa* li minghajr l-ebda dubju kienet il-kagun tad-danni li sofra bihom it-tarbija.

Il-falliment tal-hlas strumentali u l-mod li gew applikati l-istrumenti ma ghandhomx l-ebda relazzjoni mad-danni li garraf il-*baby*. Il-qalb tal-*baby* baqghet tajba il-hin kollu sa qabel il-migja tal-*abruptio* tal-*placenta*. **Infatti li kieku ma gietx l-*abruptio* kien minghajr dubju jitwieled *baby* normali bl-operazzjoni cesarja meta attwalment saret**.

**K8**. L-indikazzjoni ta' l-operazzjoni Cesarja matul il-hlas kollu, eccett meta giet l-*abruptio* tal-*placenta*, it-*tracings* tal-*monitor* tal-qalb tal-*baby* qatt ma wrew *decelations* sinifikattivi. Fl-ebda fazi tal-hlas ma kien hemm indikazzjoni ta' l-operazzjoni tac-cesarja barra minn meta:

i kien hemm falliment tal-manipulazzjoni ta' l-id waqt l-attentat tal-hlas mill-konvenuta fid-*delivery room* u

ii meta hi eventwalment kellha ta' bil-fors issir wara l-falliment ta' l-applikazzjoni tal-*ventouse* u tal-*forceps* u l-migja ta' l-*abruptio* tal-*placenta*.

**K9**. Il-kawza tas-"*Cerebral Palsy*". F'dawn l-ahhar snin saru hafna studji fuq il-kawza tas-'*cerebral palsy'* u r-relazzjoni mal-mod tal-hlas tat-tarbija u l-istat tal-*asphyxia severa* li l-*baby* jitwieled biha. Ghalkemm il-kawza tas-'*cerebral palsy'* f'kazijiet tal-hlas ghadha m'hijiex maghrufa b'certezza, dawn l-istudji li saru, jaghtu indikazzjoni qawwija, li l-kagun tas-'*Cerebral Palsy'* generalment, ma ghandux dejjem relazzjoni mal-hlas bil-ghodda u lanqas dejjem mal-*asphyxia severa* li titwieled biha t-tarbija. Hu postulat li f'hafna mit-trabi li jizviluppaw is-*'cerebral palsy'* wara t-twelid, dana jista' jkun dovut ghal xi kagun li jsir waqt l-izvilupp tat-tarbija waqt iz-zmien ta' hajjitha *in utero* (*during foetal life*) u mhux kagun tal-metodu li jigi uzat fil-hlas tat-tarbija. Imma r-rizultat ta' dawn l-istudji li saru fl-ebda mod ma jeskludu l-fatt li f'dan il-kaz il-kawza tad-danni li sofriet it-tarbija kienet l-*anoxja severa* kkagunata mill-migja improvvisa ta' l-*'abruptio'* tas-sekonda.

Waqt il-hin kollu tal-hlas il-*monitoring* tal-qalb tat-tarbija qatt ma wera *decelerations* sinifikattivi u l-istat tal-*baby* baqa' tajjeb il-hin kollu sa appena l-migja tas-separazzjoni kompleta tas-sekonda. Ghalhekk, *prima facie*, dan juri li ma kien jidher l-ebda sinjal li l-*baby* kellu xi difett inerenti li seta kien il-kawza tad-danni li sofra.

Ma ghandux ikun hemm dubju, li l-kawza tas-*Cerebral Palsy* li sofra biha l-*baby*, kienet l-*anoxja severa* kagunata mill-migja mprovviza ta' l-*abruptio* kompleta tal-*placenta*.

**K10**. Fl-ahharnet jidher li ghalkemm il-*management* matul il-*labour* ta' l-attrici kien korrett l-attentat biex jitwieled il-*baby* ma kienx kif hu generalment rakommandat. Imma dan ma kienx il-kawza tad-danni li sofra l-*baby*. Il-kagun ta' dan kienet is-*cerebral anoxja severa* kawzata mis-

separazzjoni kompleta tal-*placenta* li giet ghall-arrieda, f'daqqa u minghajr l-ebda sinjal ta' anticipazzjoni, u ma kien hemm l-ebda relazzjoni mal-attentat tat-twelid tal-*baby* bil-*Ventouse* u l-*Forceps*. Fl-assenza tas-separazzjoni tal-*placenta* kompleta kien jitwieled il-*baby* f'sahhtu bl-operazzjoni cesarja meta attwalment saret. Il-*baby* baqa' l-hin kollu f'sahhtu sa qabel il-migja tas-separazzjoni tal-*placenta*."

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dottor Paul Gauci Maistre LL.D. li fiha ikkunkluda:

"210. Il-fatti tal-kawza odjerna kif irrizultaw mill-provi processwali huwa sintesizzati b'mod dettaljat, profond u preciz fir-rapport tat-Tabib Edward A. Agius;

211. Il-konkluzjonijiet ta' l-espert mediku fil-pagni 33 sa 37 tar-Relazzjoni tieghu ghandhom jigu ezaminati fid-dawl ta' dak li ntqal aktar 'il fuq;

212. L-esponent iddiskuta fit-tul ma' l-espert mediku l-imgieba taz-zewg konvenuti u l-possibilitajiet ta' x'seta' gara kieku l-konvenuti jew min minnhom agixxew mod divers. Fost l-osservazzjonijiet u l-mistoqsijiet li saru l-esponent jixtieq isemmi s-segwenti:

- F'dawk ic-cirkostanzi Dr. Tancred Busuttil kellu jkun prezenti waqt il-hlas?

- Kien ragjonevoli fil-gudizzju tieghu li jibda l-hlas tlett ijiem qabel iz-zmien?

- L-uzu tal-*forceps* u l-*ventouse* effettwa b'xi mod dak li gara?

- Li kieku saret l-operazzjoni ta' Cesarja mill-bidu setgha jigi evitat dak li ssuccieda?

- In-nies li kienu qed jattendu lill-attrici kienu kompetenti bizzejjed?

- Peress illi fix-xhieda saru xi allegazzjonijiet ta' disgwid bejn il-konvenuti seta' dan kien ta' detriment ghall-attrici?

- X'kienet il-kawza ta' l-*abruptio* tal-*placenta* u tas-*Cerebral Palsy*?

213. Mir-risposti, spjegazzjonijiet, konstatazzjonijiet u konkluzjonijiet li wasal ghalihom l-espert mediku, l-esponent huwa tal-fehma li hadd miz-zewg konvenuti agixxa b'xi mod li ma huwiex mistenni minn persuna fil-kariga tieghu partikolari. Il-kawza ta' l-*abruptio* tal-placenta mhux maghrufa u giet f'daqqa u li kieku ma gietx il-*baby* kien jitwieled normali bl-operazzjoni cesarja meta attwalment saret. Il-konvenuti ghalhekk ma kienux responsabbli ghal-lezjonijiet li sofra l-minuri u konsegwentement m'humiex responsabbli ghad-danni li sofrew l-atturi."

Saret l-eskussjoni mill-attur ta' l-Espert Mediku Dr. Edgar A. Agius fejn gew prezentati 44 domanda li jinstabu bir-risposti b'kollox a fol 418 sa 430. Minn dan jirrizulta li kemm l-omm kif ukoll it-tarbija kienu jidhru t-tnejn f'sahhithom meta l-omm dahlet ghall-hlas. Irrefera ghall-*partogram* u spjega dwaru dak li juri. Spjega li fuq il-*partogram* ma jidher xejn sinifikanti li juri indikazzjoni li tikonstitwixxi *foetal distress* u li fuq is-CTG il-konkluzjoni tieghu kienet bazata biss fuq it-*tracing* ipprezentata lilu. Semma li d-*decelerations* kienu ta' kwalita` ta' "*early decelerations with reasonably good recovery rate and beat variation*." Dawn kienu transitorji, ma kienux persistenti u ssetiljaw f'qasir zmien u bl-ebda mod ma kienu jikkonstitwixxu stat ta' *foetal distress*. Il-*venthouse cup* giet applikata darbtejn ghal raguni li l-*venthouse* ma kienx qieghed jikkreja *suction* bizzejjed u ghalhekk hi kkonsidrat li dan ma kienx sar.

Fit-2 ta' Novembru, 2004 il-Qorti innominat bhala periti addizzjonali lill-Profs. Mark Brincat, Dr. Isabelle Saliba u Dr. Pierre Lofaro.

Rat li fit-22 ta' Gunju, 2005 l-atturi ipprezentaw nota (fol 464) dwar il-lanjanzi li kellhom dwar ir-rapport mediku dedott mill-espert mediku Dr. Eddie Agius konsistenti f'31 kumment li jinstabu a fol 465 sa 475.

Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet tal-konvenut Dr. Tancred Busuttil tat-28 ta' Settembru, 2005 a fol 477 sa 483 tal-process, kif ukoll dik ta' Dr. Lucia Micallef Hawkes a fol 484 sa 490.

Rat li fl-1 ta' April, 2008 fuq talba ta' l-atturi, il-Qorti issostitwiet lil Dr. Pierre Lofaro b'Dr. Vincent Galea.

Fir-rapport tieghu Dr. Vincent Galea elenka l-fatti kif jirrizultaw mill-atti processwali u dawn qeghdin imnizzlin a fol 528 sa 531 tal-process immarkati "i" sa "xvi". Irrefera ghar-rapport mediku addizzjonali maghmul mill-Profs. Mark Brincat u Dr. Isabelle Saliba u wasal ghall-konkluzjonijiet dettaljatament indikati a fol 536 u 337 tal-process, liema konkluzjonijiet iwasslu ghas-soluzzjoni tal-kaz. Ikkonkluda li:
"19. Illi mill-provi migjuba, l-esponenti huwa tal-fehma li ma kien hemm l-ebda htija ghall-akkadut mill-konvenuti odjerni. L-esperti medici lkoll stqarrew li l-*abruptio placentae* kien il-fattur ewlieni ta' dak li sehh lil iben l-atturi. Ma kien hemm l-ebda evidenza li setghet tindika li kienet gejja l-*abruptio placentae*. It-tobba, konvenuti f'dawn il-proceduri, imxew skond l-*accepted standard practices*. Huwa minnu li l-procedura addottata kienet wahda konservattiva, pero` dik il-procedura kienet wahda accettabbli. Ma kien hemm xejn x'jindika li l-hlas ma setax isir (*absolute obstructed labour)* sakemm ma kienx hemm l-attentat tal-hlas bl-istrumenti. Minn hemm 'il quddiem ittiehdet id-decizjoni li issehh l-operazzjoni cesarja. F'dan l-istess waqt kien hemm l-*abruptio placentae*. Kienet xi haga mhux mistennija u ma kenitx prevedibbli. Ma kien hemm l-ebda sinjali li kienu qed jindikaw li kienet gejja l-*abruptio placentae*. Min-notamenti ma rrizultax li kien hemm xi indikazzjoni li kienet ser issehh l-*abruptio placentae*. Lanqas ma l-atturi ressqu provi cari u konkluzivi li t-tobba kienu jafu li ser issehh l-*abruptio placentae* u huma baqghu jippersistu fil-

hlas vaginali.  Anzi, mir-rapporti medici ghandu jirrizulta li hekk kif sehh l-*abruptio placentae*, l-operazzjoni cesarja saret f'waqtha u f'hin accettabbli.

20.   Ghar-rigward ta' l-allegat dizgwid bejn il-konsulent (Dr. Busuttil) u l-konvenuta Dr. Micallef Hawkes, anke jekk dan ghas-sahha ta' l-argument kien minnu, xorta bl-ebda mod ma wiehed jista' jghid li dan wasal ghal *abruptio placentae*.

21.   Setghet ic-cesarja saret filghodu minflok wara nofsinhar jew sahansitra hames (5) minuti qabel, u allura ma kienx jilhaq issehh l-*abruptio placentae*?  Iva setghet, pero` ma kien hemm l-ebda indikazzjoni li kienet ser issehh l-*abruptio placentae*.  L-*abruptio* isimha maghha. Xi haga f'daqqa wahda.  Kieku l-*abruptio placentae* ma sehhitx f'dan il-kaz, u wara li kien hemm il-falliment ta' l-attentati ghal hlas b'mod strumentali kienet issir l-operazzjoni cesarja, allura t-tarbija kienet titwieled b'sahhitha.  Hadd ma kien qieghed jistenna l-*abruptio*.

22.   Il-konsulent deherlu li hlas kellhu jkun wiehed vaginali u dan l-*approach*, l-esperti medici qalu li kien accettabbli. Fil-fatt, l-attrici baqghet miexja 'l quddiem fil-hlas u ma kien hemm xejn x'jindika li kienet sejra issehh *l-abruptio placentae*.  Kien biss wara li kien hemm l-attentat bil-*forceps* li l-*abruptio placentae* sehhet.  Mhux ghax kienu b'xi mod relatati (jigifieri l-uzu tal-*forceps*), izda ghax kellu jsehh.  Dan huwa kaz sfortunat, pero` zgur li mhux kaz ta' negligenza.  Il-konvenuti ikkonfermaw mal-*accepted general medical practice*.  Ma tresqet l-ebda prova li dak li sar ma kienx korrett.  Dak li gie ordnat mill-konsulent Busuttil u mwettaq mis-Senior Registrar Micallef Hawkes kien ukoll korrett u accettabbli ghal persuna kwalifikata bhalhom.

23.   Ghaldaqstant l-esponenti jissottometti umilment li din l-Onorabbli Qorti ghandha tilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tichad it-talbiet ta' l-atturi bl-ispejjez kontra l-istess atturi."

Rat ir-rapport mediku tal-periti medici l-Professur Mark P. Brincat u Dr. Isabelle Saliba li fih irreferew ghal diversi artikoli senjatament ghall-*abruptio placentae* u taw id-definizzjoni ta' l-istess kif ukoll dijanjosijat u testijiet ohra kif ukoll konsegwenzi.

Sfortunatament l-atturi ma kienux sodisfatti b'dawn ir-rapporti kollha li l-Qorti tifhem li ikkawzawlhom sfortuna kbira ghal hajjithom, izda regghu marru biex ghamlu domandi in eskussjoni kif jirrizulta a fol 715 *et* tal-process kif ukoll ghat-twegibiet li jinsabu dettaljatament indikati a fol 726 sa 748 tal-process.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Il-Qorti tirreferi ghad-decizjoni moghtija minnha kif presjeduta fil-25 ta' Gunju, 2008 fl-ismijiet **Sue Rossi vs Dr. Josie Muscat *nomine et*** fejn qalet:

**"D6. Responsabbilta` ta' tabib fl-ezercizzju tal-professjoni tieghu**

Fil-kawza deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Lulju 1994 fl-ismijiet **Josephine Borg et vs Dr. Anthony Fiorini** fuq allegazzjoni li l-konvenut ma ezercitax il-professjoni tieghu b'dik il-hila, arti u sengha li tezigi l-ligi, il-Qorti wara li ezaminat il-gurisprudenza u duttrina riferibbli ikkonkludiet li l-konvenut ma kienx agixxa b'xi mod mhux mistenni minn persuna fil-kariga tieghu u li ghalhekk ma setax jinghad li naqas minn dak mistenni minn professjonista fl-ezercizzju tal-professjoni.

Fl-imsemmija kawza, il-Qorti spjegat diversi principji li jirregolaw ir-responsabbilta` tat-tabib. Dawn jinkludu s-segwenti:

i) Ir-responsabbilta` tat-tabib hija l-istess responsabilita` li l-qrati taghna diversi drabi spjegawha fil-konfront tal-professjonista. Il-ligi taghna ma taghtix, bhalma jaghtu legislazzjonijiet ohrajn, definizzjoni preciza tal-grad ta' responsabilita` li ghandu jigi ezercitat minn tabib *qua* tabib.

ii) Huma ghalhekk applikabbli l-1074 u 1075 (illum artikoli 1031 u 1032) tal-Kodici Civili li jistabilixxu l-

principju li kull persuna ghandha tirrispondi ghall-hsara li tigri bi htija taghha, u li jitqies fi htija kull min fl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza u l-attenzjoni ta' '*bonus pater familias*', izda f'difett ta' disposizzjoni espressa fil-ligi, hadd ma jirrispondi ghall-hsara li tigri minhabba nuqqas ta' prudenza, diligenza u attenzjoni fi grad akbar**.** **(Victor Savona *pro et noe* vs Dr. Peter Asphar *et***, App. Civ., 2.4.1951).

iii) *La colpa e' un' ipotesi giuridica e generica finche` sta nelle disposizioni della legge o sui trattati di scienza giuridica, ma deve assumere una forma materiale e specifika quando si imputa ad altri come cagione di danni sofferti e risarcibili.* **(Calafato vs Grech**: App., 23.11.1921, Vol. XXIV.I.893)

iv) Huwa l-attur li jallega li sofra l-hsara bi htija tal-konvenut illi ghandu l-obbligu li jipprova l-fatt jew l-ommissjoni li juru dik il-htija tal-konvenut.

v) *Non puo` annoverarsi fra le colpe l'errore professionale, quello cioe` che dipende dall'incertezza e dall'imperfezione dell'arte, non da negligenza o incapacita` di chi la esercita.* **(Giorgi: Delle Obbligazioni**, vol. V, par. 155, pag. 252).

*vi) Nelle professioni c'e` tutto un campo insindicabile ed impunibile, ed e' quello che li diritto inglese chiama 'errore di gudizio'. Il professionista, cioe` di fronte ad un caso pratico, valutata le varie circostanze e si forma un convincimento che poi i fatti successivi mostrano errato; di questo errore nessuna risponde, se non e` fondato su evidenti errori di ricerca e di dottorina.*
**(Cogliolo: Scritti vari di Diritto Privato, "*Teoria delle Colpe*"**, Vol. II, pag. 137**).** Fl-istess sens fil-kawza **Buttigieg vs Hirst *noe***, il-Qorti ta' l-Appell kienet spjegat li:
"Il-Professjonista mhux tenut ghad-danni rizultanti minn zball professjonali ammenokke' dan l-izball ma kienx grossolan u ammenokke' il-htija ma tkunx tista' tigi lilu addebitata minhabba nuqqas ta' attenzjoni ta' '*bonus pater familias*'."

(App., 16.2.1945, Kollez. Vol. XXXII.I.163). L-istess principju kien gie adottat fil-kawza **Cremona vs Cremona**, App., 13.2.1905, u fil-kawza **Barbara vs Notaro Vella**, App., 21.1.1929, Kollez. Vol. XXVII.I.262).

vii) Mid-duttrina u mill-gurispridenza fuq citati ghandu jigi ritenut li t-tabib mhux tenut ghad-danni rizultanti minn zball professjonali, ammenokke` dana l-izball ma jkunx grossolan, u ammenokke` l-hsara ma tistax tigi lilu addebitata minhabba nuqqas ta' prudenza, diligenza u attenzjoni ta' '*bonus pater familias*'. **(Savona *pro et noe* vs Dr. Asphar *et*)**…"

Illi inoltre l-Qorti taghmel referenza ghas-segwenti:
Il-kawza fl-ismijiet **Rose Gauci *et* vs Mr. Donald Felice *et***, deciza fil-31 ta' Ottubru, 2008 mill-Onor. Qorti ta' l-Appell fejn intqal:
"Dwar il-grad ta' diligenza li professjonist bhat-tabib ghandu juza, il-gurisprudenza estera hija konkordi li mhux mistenni mit-tabib grad gholi ta' diligenza, izda dik normali li wiehed jistenna minn professjonist ta' l-affari tieghu…
Dak li hu mistenni minn tabib hu li jzomm ruhu aggornat bl-avvanza fil-medicina, u fil-kaz konkret li jkollu quddiemu, jezercita d-diligenza li professjonist ordinarju bhat-tabib in kwistjoni kien jezercita. It-test hu necessarjament oggettiv, fis-sens li wiehed ghandu jara kif kien jezercita l-mezzi tieghu professjonist normali, bid-*degree of skill* li suppost ghandu t-tabib partikolari; pero`, darba determinat dan il-livell, it-tabib ikun mistenni li jaqdi dmiru skond l-'*accepted standard practice*'. Il-fatt li t-tabib inzerta, f'dik l-okkazzjoni, li kellu hafna xoghol, u kien ghajjien, bl-ebda mod ma tnaqqas mid-drittijiet ta' pazjent."

Fil-kawza fl-ismijiet ismijiet, u cioe` **Rose Gauci *et* vs Mr. Donald Felice *et***, deciza fit-8 ta' Ottubru, 2009 mill-Onor. Qorti ta' l-Appell intqal:

"Ghalkemm, kif inghad, il-posizzjoni hawn Malta giet ezaminata fil-kuntest tar-regoli ta' kwazi delitt, din il-Qorti hija tal-fehma li jkun aktar logiku li r-relazzjoni bejn pazjent u tabib tigi ezaminata fil-kuntest ta' kuntratt. Hu veru li kuntratt jehtieg il-kunsens ta' zewg partijiet, izda hu veru wkoll li dan il-kunsens jista' jkun tacitu, u anki implicitu, basta tkun tezisti l-volonta` fil-partijiet li jassumu l-obbligazzjonijiet fil-konfront ta' xulxin. Meta pazjent jersaq lejn tabib anke jekk dan it-tabib ikun imhallas mill-Gvern biex ikun ghas-servizz tal-poplu, dak il-pazjent ikun qed ipoggi l-bzonnijiet tieghu f'idejn dak it-tabib u meta t-tabib jaccetta li jaghti s-servizz tieghu, ikun qed jintrabat fil-konfront ta' dak il-pazjent – li jaqdi d-doveri tieghu skond l-ahjar hila tieghu. Jista' jinghad li tabib impjegat mal-Gvern ma jistax jirrifjuta li jaqdi pazjent, pero` jekk hu hekk, l-ghazla jkun ghamilha meta mpjega ruhu mal-Gvern, u inoltre, tabib, allavolja impjegat, jibqa' professjonist u jekk ikun rinfaccjat f'kaz li mhux tal-hila tieghu, ghandu obbligu jghaddi l-kaz lil tabib aktar kompetenti minnu f'dik il-materja, u dan l-istess bhal kull tabib privat. Meta tabib, avolja impjegat, jaccetta li jikkura pazjent, jidhol f'relazzjoni diretta mieghu, relazzjoni kuntrattwali li tista' twassal ghall-hlas tad-danni f'kaz ta' inadempjenza."

Ukoll, fil-kawza **Tessie Ellul *et* vs Dr. Astrid Camilleri**, deciza mill-Onor. Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Mejju, 2010 jinghad:
"…ir-relazzjoni bejn tabib u pazjent tixbah aktar in-natura ta' kuntratt, b'dan, pero`, li mit-tabib mhux mistenni dejjem rizultat pozittiv, ghax l-obbligazzjoni tieghu mhux dik *di risultato* izda *di mezzi*, fis-sens li l-obbligu tat-tabib huwa deskritt bhala li '*egli e' tenuto ad usare la diligenza che la natura dell'attivita esercitata esige'* (**Corte Di Cassazione d'Italia**, 21 ta' Lulju, 1989; Kaz Numru 3476). Dan ifisser li filwaqt li t-tabib ikun irid jipprova li hu agixxa kif il-professjoni tistenna minnu, il-pazjent irid juri, fl-ewwel lok, li gara xi haga hazina waqt l-intervent kirurgiku, xi haga, jigifieri, mhux mistennija li ssehh f'operazzjoni ta' dik ix-xorta."

Fi **Frankie Zerafa *et* vs Olga Avramov *et***, deciza fit-30 ta' Mejju, 2008 mill-Onor. Qorti ta' l-Appell insibu:
"…it-tabib mhux obbligat li jaghti lill-pazjent l-informazzjoni kollha mehtiega regalata ma' l-intervent, izda dik l-informazzjoni li, skond il-prattika professjonali (*accepted medical practice*), ghandha tinghata".

Il-Qorti tirreferi wkoll ghal **Manuale di Diritto Civile e Commerciale**, Milano 1954 Vol. IV Pagna 241:

"*Se la prestazione dell'opera implichi la soluzione di problemi tecnici di speciale difficolta`, il prestatore risponde dei danni alle cose o alle persone, nell'esercizio dell'incarico affidatogli, ma soltanto nel caso di dolo o di colpa grave*....."

Dwar l-oneru tal-prova, il-**Corte di Cassazzione** ta' l-Italja fil-21 ta' Dicembru, 1978 sostniet li r-regola hi:
*"incombe al cliente, il quale assuma di aver subito un danno, l'onero di provare la diffettosa o inadequate prestazione professionale e il nesso casuale tra questa e il danno*."

Il **Laurent** fil-**Principi Di Diritto Civile**, Vol XX. para. 516 pag. 422 jikteb hekk:
*"Non e' possible determinare in modo generale il limite della responsabilita` dei medici. Spetta al magistrato ravvisarla in ciascuna specie, secondo i fatti e le circostanze, che possono infinitamente variare, non perdendo mai di vista quel principio fonamentale che deve sempre servirgli di guida, val dire che per aversi responsabilita` professionale fa d'uopo che taluno abbia commesso una colpa, non usando la voluta vigilanza sopra se medesimo o sui propri atti, o dando prova di una ignoranza imperdonabile nell'esercizio della sua professione; spetta ai tribunali applicare questa massima con discernimento, lasciando alla scienza tutta la latitudine che si deve, ma accordando del pari alla giustizia e al diritto tutto quanto loro appartiene."*

L-istess principji jezistu fil-ligi Ingliza fejn **Margaret Brazier** fil-ktieb **Medicine, Patients and the Law – Penguin Books, 1987 Edit**. Pg. 80) issemmi li:
"*proving negligence by the doctors does not conclude the case in the patient's favour. He must also show that his injury, his worsened or improved condition, was caused by the doctor's negligence.*"

Ghalhekk wiehed jista' jissintesizza l-posizzjoni hekk:
Ir-responsabbilta` tat-tabib hija l-istess responsabilita` hi bhal ta' kull professjonista. Il-professjonista mhux tenut ghad-danni rizultanti minn zball professjonali ammenokke dan l-izball ma kienx grossolan u ammenokke l-htija ma tkunx tista' tigi lilu addebitata minhabba nuqqas ta' attenzjoni ta' '*bonus pater familias*'."

Il-ligi taghna ma taghtix, bhalma jaghtu legislazzjonijiet ohrajn, definizzjoni preciza tal-grad ta' responsabilita` li ghandu jigi ezercitat minn tabib *qua* tabib. Ghalhekk huma applikabbli l-artikoli 1031 u 1032 tal-Kodici Civili li jistabilixxu l-principju li kull persuna ghandha tirrispondi ghall-hsara li tigri bi htija taghha, u li jitqies fi htija kull min fl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza u l-attenzjoni ta' '*bonus pater familias*', izda f'difett ta' disposizzjoni espressa fil-ligi, hadd ma jirrispondi ghall-hsara li tigri minhabba nuqqas ta' prudenza, diligenza u attenzjoni fi grad akbar.

F'kawza ghal dikjarazzjoni ghall-htija u danni konsegwenzjali huwa l-attur li jallega li sofra l-hsara bi htija tal-konvenut illi ghandu l-obbligu li jipprova l-fatt jew l-ommissjoni li juru dik il-htija tal-konvenut. L-attur irid juri li gara xi haga hazina waqt l-intervent kirurgiku, xi haga, jigifieri, mhux mistennija li ssehh f'operazzjoni ta' dik ix-xorta. Irid jipprova li l-kundizzjoni fizika tieghu marret ghall-ghar minhabba n-negligenza tat-tabib.

Dak li hu mistenni minn tabib hu li jzomm ruhu aggornat bl-avvanz fil-medicina, u fil-kaz konkret li jkollu quddiemu, jezercita d-diligenza li professjonist ordinarju bhat-tabib in kwistjoni kien jezercita. It-tabib huwa mistenni li jaqdi dmiru skond l-'*accepted standard practice*'. Il-fatt li t-tabib

inzerta, f'dik l-okkazzjoni, li kellu hafna xoghol, u kien ghajjien, bl-ebda mod ma tnaqqas mid-drittijiet ta' pazjent.

Fuq l-istess linji jitqiesu professjonisti ohra, u infatti din il-Qorti kif presjeduta kienet ezaminat dan l-aspett fuq il-periti arkitetti fil-kawza fl-ismijiet **Vivian S. Bianchi *et nomine* vs Perit Italo Raniolo *et***, deciza fid-29 ta' April, 2011.

Minhabba dak kollu li nghad hawn fuq, jidher car li l-konvenuti ma humiex repsonsabbli b'ebda mod ghal dak li gara u l-Qorti hi konkordi mar-rapporti ta' l-esperti nominati li kollha waslu ghall-konkluzjoni li l-konvenuti m'ghandhom ebda htija kif imputabbli lilhom.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Illi l-konvenuti t-tnejn eccepew li ma hemm ebda kolpa attribwibbli ghall-operat taghhom u addirittura fl-eccezzjoni tal-konvenuta Micallef-Hawkes hemm li hija ghamlet dak kollu umanament possibbli sabiex it-tarbija titwieled normalment.

Il-Qorti, tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuti u naturalment tichad it-talbiet attrici.

Spejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------